# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Għoxrin (20) ta' Marzu 2023**

**Rikors Numru 544/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**Vs**

**Omar Caruana (KI 30477M),**
**Francis Caruana (KI 647554M) u**
**Anna Caruana (KI 118156M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 22 ta' Ġunju 2022, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet s-segwenti:

> *Illi r-rikorrenti għandu titlu eżekuttiv naxxenti minn sentenza tat-12 ta' Lulju 2002 (Ċitazzjoni numru 603/2002GC) u li permezz tiegħu l-intimati ġew ikkundannati jħallsu lill-bank dawk l-ammonti hemm indikati fis-sentenza ċitata (kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata Dok A);*
>
> *Illi minkejja li għaddew numru ta' snin mill-għoti ta' dina s-sentenza, l-intimati għadhom debituri tal-bank fl-ammonti indikati fil-prospetti hawn annessi u mmarkati Dok B (in kwantu l-kont bin-numru 073015497300), Dok C (in kwantu l-kont bin-numru 073015497341) u Dok D (in kwantu l-kont bin-numru 073015497343);*
>
> *Illi din is-sentenza hija waħda finali;*

> *Illi peress li għaddew iżjed minn ħmistax-il sena mid-data ta' dina s-sentenza, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda permezz tal-preżenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu 258(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex teżegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimati għall-bilanc li għad hemm dovut;*
>
> *Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-soċjeta' rikorrenti tgħaddi għall-eżekuzzjoni tal-istess titolu eżekuttiv fuq imsemmi stante li għaddew iżjed minn ħmistax-il sena mid-data tal-istess sentenza preċitata u li d-dejn għadu m'huwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Rat illi fis-7 ta' Settembru 2022, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiża:

> *1. Illi preliminarjament, hemm difformità bejn il-premessi tar-rikors promotur, li jirreferu għal sentenza, u t-talba dedotta fl-istess rikors, li tirreferi għal ittra uffiċċjali, u għalhekk l-istanza kif proposta hija improċedibbli.*
>
> *2. Illi bla ħsara għas-sueċċepit, u kif se jiġi ippruvat waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors, l-intimati jew min minnhom għamlu bosta ħlasijiet favur il-Bank rikorrenti, liema ħlasijiet però ma jirriżultawx ilkoll indikati fil-prospetti preżentati mar-rikors promotur, u għalhekk qed jiġi sottomess illi l-Bank tħallas aktar minn kemm qed jagħraf li tħallas.*
>
> *3. Illi bla ħsara għas-sueċċepit, il-Bank rikorrent baqa' jaqsam id-debitu kanonizzat bis-sentenza msemmija f'diversi debiti kif kienu oriġinarjament pattwiti, u għalhekk naqas fil-mod kif attribwixxa u imputa l-ħlasijiet magħmula lilu mill-intimati, u għalhekk ukoll tapplika r-regola ta' ultra duplum.*
>
> *4. Illi bla ħsara għas-sueċċepit, il-Bank rikorrenti kien daħal f'arranġament vinkolanti mal-intimati Francis u Anna konjuġi Caruana dwar ħlasijiet rateali, liema ħlasijiet saru mill-imsemmija intimati kif miftiehem, u għalhekk il-Bank rikorrenti ma jistax jeżegwixxi kontrihom kif mitlub.*
>
> *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-Bank rikorrenti, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tar-rappreżentanti tiegħu fi proċeduri ġudizzjarji.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Bank rikorrenti flimkien mar-rikors promotur, ossija sentenza tal-Prim' Awla Qorti Ċivili datata 12 ta' Lulju 2012 (fol 2 sa 4) u Statements tal-Bank (fol 5 sa 10).

4. Rat l-affidavit ta’ Geraldine Xuereb ippreżentat fis-6 ta’ Ottubru 2022, fejn kkonfermat illi, għalkemm fi stadju inizzjali, l-intimat Omar Caruana kien għamel xi pagamenti wara li ngħatat is-sentenza, mis-sena 2008 ‘il quddiem, ma ħallas ebda somma oħra, u għalhekk il-bilanċ indikat fir-rikors promotur kien għadu dovut.

5. Rat illi fis-6 ta’ Ottubru 2022, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi.

6. Rat illi fl-24 ta’ Jannar 2023, l-intimati għarrfu lill-Qorti illi kienu qed jagħmlu l-konteġġi neċessarji sabiex jivverifikaw il-bilanċ mitlub, fejn il-Qorti fakkret lill-intimati illi l-kawża odjerna kienet prettament waħda intavolata a tenur tal-Artikolu 258(a) tal-Kap 12, ossija l-estenzjoni tal-effetti eżekuttivi ta’ sentenza tal-Qorti wara l-egħluq ta’ ħmistax-il sena.

7. Rat illi fil-15 ta’ Marzu 2023, l-intimati għarrfu lill-Qorti li, wara li għamlu l-verifiki, huma ma kellhom ebda provi x’jippreżentaw.

8. Rat illi fil-15 ta’ Marzu 2023 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għallum.

9. Rat l-Artikolu 258 (a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li tipprovdi illi, sabiex tiġi eżegwita titolu eżekuttiv wara l-għeluq ta’ ħmistax-il sena minn dakinhar illi sentenza setgħet tiġi eżegwita,

   *l-eżekuzzjoni tista’ ssir biss wara talba magħmula b’rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*

10. Rat illi jirriżulta li fit-12 ta’ Lulju 2002, ingħatat sentenza, Ċitazzjoni nru 603/2002 fl-ismijiet ‘HSBC Bank Malta plc vs Omar Caruana u Francis Caruana u martu Anna Caruana’, li llum il-ġurnata għaddew aktar minn ħmistax-il sena mill-għoti tagħha.

11. Rat l-affidavit ta’ Geraldine Xuereb, fejn ikkonfermat illi parti mid-dejn stabbilit fis-sentenza fuq ċitata, kien għadu dovut.

12. Rat illi għalhekk, il-Qorti ma għandha ebda raġuni biex ma tilqax it-talba tas-soċjeta' rikorrent kif dedotta.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati, u għalhekk:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tawtorizza** lis-soċjeta' rikorrenti tgħaddi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Ċivili, Ċitazzjoni Nru 603/2002 GC fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Omar Caruana u Francis Caruana u martu Anna Caruana mogħtija fit-12 ta' Lulju 2002 peress li d-dejn għadu m'huwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimati.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**